Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

It- Tnejn,28 ta' April 2025

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.15pm

## 11.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

11.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti

11.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti ta' l-Għaxar Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

11.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 11.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku

11.3.1 Is- Sindku talab li qabel l-attivita' tal-Medieval Mdina, għandu jsir ħasil tat-toroq principali ġewwa l-Mdina

11.3.2 Is- Sindku talab lis- SE jikteb lis- Seg. Parlamentari Alison Civelli Zerafa dwar il-problema ta' affluenza ta' karozzini li qed jarmaw ġewwa l-Mdina u li qed jaqbzu n-numru stabbilit ta' karozzini li jistgħu joqgħodu fit-tinda

11.3.3 Is- Sindku infurma lil Kunsill li hekk kif ġew installati il-cameras barra l-Mdina, jinsab ftit dizappuntat li xorta karozzi qed jokkupaw d-daħla ta' l-Mdina meta jwaqqfu it-turisti.

11.3.4 Is- Sindku nfurma lil- Kunsill li fix-xhur li ġejjin la darba jibda x-xogħol fuq il-fencing ta' Howard Gardens, permezz ta' fondi tal-Planning Authority u Restoration Directorat tinħareġ sejħa għal installazzjoni ta'dawl dekorattiv ġewwa Howard Gardens u recessed lights ġewwa l-Mdina

## 11.4 Aġġustamenti mill-Awdituri tal-Gvern Lokali Rapport Finanzjarju 2024

11.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2024 kif emendat wara li sar l-audit. Ngħatat spjegazzjoni fuq dawn l-aġġustamenti kif proponuti mill-Awdituri

11.4.2 Ir-rapport finanzjarju annwali għas-sena 2024 kien propost għall- approvazzjoni mis- Sindku li kien issekondat mill- Kunsilliera, is- Sna M. Sultana. Ir-rapport ġie approvat unanimament u tmien' kopji tar-rapport ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett

**11.5 Rapport Finanzjarju għat- Tlett Xhur minn Jannar sa Marzu 2025**

11.5.1 Is- SE nfurma lil Kunsill li r-rapport ser jiġi pprezentat fil-laqgħa li jmiss peress li kien għadu ma tlextiex

**11.6 Bus Shelters Ġodda għal Mdina- Survey**

11.6.1 Is- Sindku qal li wara laqgħa li kellu ma' Faces Ltd u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward l-installazzjoni ta' bus shelters ġodda fil-lokalita' ta' l-Mdina ġie mgħarraf li qabel tiġi kkunsidrata t-talba, il-Kunsill irrid iqabbad lil xi ħadd biex isir survey ta' l-area fejn qed jiġu proposti l-bus shelters. Għaldaqstant huwa qed jitlob li l-Kunsill japprova li jsir dan is-survey. Il-Kunsill approva.

**11.7 Medieval Mdina 2025- Aġġornament**

11.7.1 Is- SE infurma lil Kunsill li jinsab kollox lest biex tittella' l-attivita tal-Medieval Mdina. Huwa pprezenta lista (mehmuza) ta' parteċipanti barranin kif ukoll dawk Maltin u service providers. Huwa qal li minħabba raġunijiet tekniċi kif ukoll artistiċi qed jitlob li dawn tingħata lilhom direct order. Il-Kunsill ha konjizjoni ta' din il-lista u approva dan.

11.7.2 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li l-Malta Tourism Authority approvat it-talba tal-Kunsill għal somma addizzjonali ta' € 10,000 għal dan l-avveniment.

**11.08 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

11.8.1 Il-Kunsill ġie mgħarraf mis- Sur Frances Tabone, resident ġewwa l-Mdina li l-kumpanija tiegħu bħala parti mill- Corporate Social Responsibility ser jiffinanzja cast iron litter bin u ser jiġi installat ġewwa Howard Gardens. Il-Kunsill xtaq formalment jirringrazzja lis- Sur Tabone.

11.8.2 SPI/SCI/07/2024- Espressjoni ta' Interess Servizz ta' Manutenzjoni Binjiet Pubbliċi. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-applikazzjoni għal manutenzjoni tad-daħla tal-Kunsill ma ġietx milqugha peress li l-binja hija skedata.

**11.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

11.9.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 28 ta' April 2025 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 29,267.40

11.9.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill nanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**11.10 Tmiem tal- Laqgħa**

11.10.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 16.49pm u ġiet aġġornata għal-28 ta' Mejju 2025 fit-3pm.

FFIRMATI

Peter Sant Manduca
Sindku

FFIRMATI

Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data:___28 ta' Mejju 2025__